Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 21,505, 12 ta' Settembru, 2025
Taqsima B

A.L. 200 tal-2025

ATT DWAR IL-PROTEZZJONI TAL-AMBJENT (KAP. 549)

Regolamenti tal-2025 li jemendaw ir-Regolamenti dwar l-Immaniġġjar tal-iSkart (Tagħmir Elettriku u Elettroniku)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikoli 54 u 55 tal-Att dwar il-Protezzjoni tal-Ambjent, il-Ministru responsabbli għall-ambjent, wara konsultazzjoni mal-Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi, għamlet dawn ir-regolamenti li ġejjin:

Titolu.

1. It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti tal-2025 li jemendaw ir-Regolamenti dwar l-Immaniġġjar tal-iSkart (Tagħmir Elettriku u Elettroniku) u dawn ir-regolamenti għandhom jinqaraw u jinftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti dwar l-Immaniġġjar tal-iSkart (Tagħmir Elettriku u Elettroniku), hawn iżjed 'il quddiem imsejħa r-"regolamenti prinċipali".

L.S. 549.89.

Jemenda r-regolament 2 tar-regolamenti prinċipali.

2. Is-subregolament (1) tar-regolament 2 tar-regolamenti prinċipali għandu jigi sostitwit bis-subregolament ġdid li ġej:

"(1) Dawn ir-regolamenti jġibu fis-seħħ id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2012/19/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Lulju 2012 dwar skart ta' tagħmir elettriku u elettroniku u li tħassar id-Direttiva 2002/96/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Jannar 2003 kif emendata bid-Direttiva (UE) 2018/849 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2018 li temenda d-Direttivi 2000/53/KE dwar vetturi li m'għadhomx jintużaw, 2006/66/KE dwar batteriji u akkumulaturi u skart ta' batteriji u ta' akkumulaturi, u 2012/19/UE dwar skart ta' tagħmir elettriku u elettroniku u d-Direttiva (UE) 2024/884 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Marzu 2024 li temenda d-Direttiva 2012/19/UE dwar skart ta' tagħmir elettriku u elettroniku (WEEE).".

Jemenda r-regolament 12 tar-regolamenti prinċipali.

3. Ir-regolament 12 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) is-subregolament (1) tiegħu għandu jiġi sostitwit bis-subregolament ġdid li ġej:

(1) Kull produttur jew rappreżentant awtorizzat maħtur skont ir-regolament 17 għandu jipprovdi għall-finanzjament tal-ġbir, it-trattament, l-irkuprar u r-rimi

ambjentalment xieraq tal-WEEE minn djar privati li jintrema f'faċilitajiet ta' ġbir jew stabbiliti skont ir-regolament 5(2) jew operati mill-Kunsilli Lokali jew minn kwalunkwe aġenzija lokali oħra:

(a) għall-WEEE li jirriżulta minn EEE msemmi fil-paragrafu (a) tas-subregolament (3) tar-regolament 2, għajr għall-pannelli fotovoltajċi, fejn tali EEE kien tpoġġa fis-suq wara it-13 ta' Awwissu 2005;

(b) għall-WEEE li jirriżulta minn pannelli fotovoltajċi fejn dawn il-pannelli fotovoltajċi kienu tpoġġew fis-suq mit-13 ta' Awwissu 2012;

(ċ) għall-WEEE li jirriżulta minn EEE msemmi fil-paragrafu (b) tas-subregolament (3) tar-regolament 2 u li ma jaqax fl-ambitu tal-paragrafu (a) ta' dak is-subregolament, fejn tali EEE kien tpoġġa fis-suq mill-15 ta' Awwissu 2018.";

(b) is-subregolament (3) tiegħu għandu jiġi sostitwit b'dan is-subregolament ġdid li ġej:

"(3) Kull produttur jew rappreżentant awtorizzat maħtur skont ir-regolament 17 għandu jkun responsabbli għall-finanzjament tal-operazzjonijiet msemmija fis-subregolament (1) relatati mal-iskart mill-prodotti tiegħu stess. Il-produttur jew rappreżentant awtorizzat maħtur skont ir-regolament 17, jista' jagħżel li jissodisfa l-obbligi kollha individwalment jew billi jingħaqad ma' organizzazzjoni ta' responsabbiltà ta' produtturi.";

(ċ) fis-subregolament (4) tiegħu, il-kliem "minn prodotti mqiegħda fis-suq" għandhom jiġu sostwiti bil-kliem "minn prodotti msemmija fil-paragrafu (a) tas-subregolament (3) tar-regolament 2, għajr għall-pannelli fotovoltajċi, imqiegħda fis-suq".

Jemenda r-regolament 13 tar-regolamenti prinċipali.

4. Is-subregolament (1) tar-regolament 13 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġu sostwiti bis-subregolament ġdid li ġej:

"(1) Il-finanzjament tal-ispejjeż għall-ġbir, it-trattament, l-irkuprar u r-rimi ambjentalment xieraq tal-WEEE minn utenti għajr minn djar privati għandu jiġi pprovdut mill-produtturi jew minn rappreżentanti awtorizzati maħtura skont ir-regolament 17 kif ġej:

(a) għall-WEEE li jirriżulta minn EEE msemmi fil-paragrafu (a) tas-subregolament (3) tar-regolament 2, għajr għall-pannelli fotovoltajċi, fejn tali EEE kien tpoġġa fis-suq wara t-13 ta' Awwissu 2005;

(b) għall-WEEE li jirriżulta minn pannelli fotovoltajċi fejn dawn il-pannelli fotovoltajċi kienu tpoġġew fis-suq mit-13 ta' Awwissu 2012;

(ċ) għall-WEEE li jirriżulta minn EEE msemmi f'paragrafu (b) tas-subregolament (3) tar-regolament 2, li ma jaqax fl-ambitu tal-paragrafu (a) ta' dak is-subregolament, fejn tali EEE kien tpoġġa fis-suq mill-15 ta' Awwissu 2018:

Iżda għal skart storiku minn EEE msemmi fil-paragrafu (a) tas-subregolament (3) tar-regolament 2, għajr għall-pannelli fotovoltajċi li qed jiġu sostitwiti bi prodotti ġodda ekwivalenti jew bi prodotti ġodda li qed jaqdu l-istess funzjoni, il-finanzjament għall-ispejjeż ta' tali prodotti għandu jiġi pprovdut mill-produtturi jew mir-rappreżentanti awtorizzati skont ir-regolament 17 mal-forniment tagħhom:

Iżda wkoll għal skart storiku ieħor mill-EEE msemmi fil-paragrafu (a) tas-subregolament (3) tar-regolament 2, għajr pannelli fotovoltajċi, il-finanzjament tal-ispejjeż għandu jiġi pprovdut mill-utenti li ma humiex djar privati.".